**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 17 ta' Jannar 2023**

**Rikors Nru. 426/2022 GM**

**Western Co. Limited (C19994)**

**vs**

**Martin Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Western Co. Limited (C19994) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Is-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenut f'somma li għad trid tiġi likwidata minn din il-Qorti, rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz dovut mill-konvenut fuq vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 234 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut, u dan kif jirriżulta mill-annessa skrittura (Dok A).

2. Il-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas dawn l-ammonti baqa' moruż.

3. L-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi f’somma li trid tiġi likwidata minn din il-Qorti rappreżentanti bilanċ minn prezz ta' vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 234 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut.

2. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata.

Rat illi minkejja l-konvenut huwa debitament notifikat fl-indirizz residenzjali tiegħu[1] baqa’ ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Rat il-verbal tagħha tal-1 ta’ Diċembru 2022[2] li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex il-konvenut jippreżenta nota’ ta’ sottomissjonijiet tiegħu, iżda l-konvenut baqa’ ma ppreżenta xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Kif ġia ngħad, il-konvenut huwa kontumaċi iżda l-attur f’każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja

[1] Fol 11
[2] Fol 13

hija konstestazzjoni.[3] Li jfisser li "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut".[4]

**Fatti :**

Permezz ta' skrittura privata tal-20 t'Ottubru 2008[5], il-konvenut xtara karozza tal-marka Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 234 għall-prezz ta' Lm11,400 ekwivalenti għal €26,554 mingħand is-soċjeta' attriċi.

Il-konvenut naqas li jkompli jħallas il-pagamenti mitluba minnu u għalhekk l-attriċi interpellatu diversi drabi sabiex iħallas. Id-Direttur tas-soċjeta` attriċi - Charles Bianco ppreżenta rendikont tal-ammont kif akkumulat flimkien mal-interessi b'7.25% minflok bl-ogħla rata ta' 8% flimkien mal-ispejjeż tal-ittri uffiċjali li jammonta għas-somma globali ta' €44,693.80[6].

Il-Qorti hija sodisfatta li s-soċjeta` attriċi ppruvat it-talbiet tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

***Decide :***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija attriċi u:

---

[3] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.
[4] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35
[5] Dok A a fol 4
[6] Dok CB1 a fol 17

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta’ €44,693.80 rappreżentanti bilanċ minn prezz ta' vettura tal-marka Hyundai bin-numru ta' reġistrazzjoni ICC 234 mibjugħa u kkonsenjata lilu.

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta’ €44,693.80 hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali ta’ 8% fis-sena mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta’ din il-kawża a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA